

Brussell, 12 ta' Ġunju 2017
(OR. en)

10048/17

FISC 134
ECOFIN 508

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Kodiċi ta' Kondotta (Tassazzjoni tal-Intrapriżi) <ul style="list-style-type: none">– Rapport lill-Kunsill– Abbozz ta' Konklużjonijiet tal-Kunsill

1. Fil-laqgħa tiegħu tat-8 ta' Ġunju 2017, il-Grupp dwar il-Kodiċi tal-Kondotta ddiskuta r-rapport mill-Grupp lill-Kunsill.
2. Bħas-soltu, jenħtieġ li dan ir-rapport ikun akkumpanjat mill-abbozz ta' Konklużjonijiet tal-Kunsill kif jinsab hawn taħt:

"Fir-rigward tal-Kodiċi tal-Kondotta (Tassazzjoni tal-Intrapriżi), il-Kunsill:

- jilqa' l-progress miksub mill-Grupp dwar il-Kodiċi tal-Kondotta matul il-Presidenza Maltija kif jinsab fir-rapport tiegħu (dok. 10047/17 FISC 133 ECOFIN 507);
- jitlob lill-Grupp biex ikompli bil-monitoraġġ tal-istatus quo u l-implimentazzjoni tal-iżmuntar u jstieden lill-Grupp biex jissokta l-ħidma tiegħu skont il-Pakkett ta' Ħidma tal-2015;

- jieħu nota tal-progress li sar fir-rigward tal-allinjament tas-sistemi ta' inċentivi tat-taxxa favur il-privattivi mal-approċċ nexus maqbul u jistieden lill-Grupp biex ikompli jimmonitorja u jirrapporta dwar dan il-proċess;
- jitlob lill-Istati Membri li s-sistemi ta' inċentivi tat-taxxa favur il-privattivi tagħhom ma jikkonformawx mal-approċċ nexus modifikat biex jallinjaw dawn ir-reġimi mill-aktar fis possibbli;
- jistieden lill-Grupp dwar il-Kodiċi tal-Kondotta biex ikompli jaħdem fuq l-applikazzjoni tal-prinċipji tal-approċċ nexus modifikat għal reġimi non-IP, b'kont meħud tal-iżviluppi internazzjonali rilevanti rigward din il-kwistjoni;
- jieħu nota tal-progress miksub mill-Grupp dwar il-Kodiċi tal-Kondotta fil-ħidma kontinwa tiegħu fil-kuntest tal-konklużjonijiet tal-Kunsill tat-8 ta' Novembru 2016 dwar il-kriterji u l-proċess li jwassal għall-istabbiliment tal-lista tal-UE ta' ġurisdizzjonijiet li ma jikkooperawx għall-finijiet ta' taxxa, u jitlob lill-Grupp dwar il-Kodiċi tal-Kondotta biex ikompli b'din il-ħidma;
- itenni li l-Grupp dwar il-Kodiċi tal-Kondotta għandu jkompli jesplora miżuri difensivi li jkunu jistgħu jittieħdu, u jinnota li jekk ċerti fajls legiŝlattivi li jkunu qegħdin jiġu nnegożjati (mingħajr preġudizzju għall-eżitu tagħhom) jkollhom rabta mal-lista futura tal-ġurisdizzjonijiet li ma jikkooperawx, tali dispożizzjonijiet ikunu jistgħu jikkostitwixxu wkoll sett ta' miżuri difensivi effettivi u dissważivi fil-livell tal-UE fil-qasam mhux fiskali; soġġetti kemm għall-qbil dwar il-lista kif ukoll l-oġjettiv u l-għan tal-fajls legiŝlattivi rilevanti;
- japprova in-"Nota ta' Gwida dwar il-privileġġi tat-taxxa relatati maż-żoni ekonomiċi speċjali" annessa mar-rapport mill-Grupp dwar il-Kodiċi tal-Kondotta;
- jitlob lill-Grupp dwar il-Kodiċi tal-Kondotta biex ikompli l-ħidma tiegħu dwar abbozz ta' nota ta' gwida dwar l-interpretazzjoni tar-raba' kriterju;
- jistieden lill-Kummissjoni biex tkompli d-djalogu mal-Liechtenstein dwar l-applikazzjoni tal-prinċipji tal-Kodiċi tal-Kondotta, kif imniżżel fir-rapport;
- jistieden lill-Grupp biex jirrapporta lura lill-Kunsill dwar il-ħidma tiegħu matul il-Presidenza Estonjana."

3. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden:

- jibgħat lill-Kunsill ir-rapport (dok. 10047/17 FISC 133 ECOFIN 507), flimkien mal-abbozz ta' konklużjonijiet tal-Kunsill kif jinsab hawn fuq;
 - jissuġġerixxi li huwa japprova t-tnejn li huma bħala punti "A" fl-aġenda tiegħu.
-